BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

# RAPPORT TRIMESTRALI TAL-MSU

## Progress fl-implimentazzjoni operattiva tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku




Fl-2014 il-pubblikazzjonijiet kollha tal-BĊE se juru motiv meħud mill-karta tal-€20

2014 / 2

© Bank Ċentrali Ewropew, 2014

| | |
|---|---|
| **Indirizz** | Kaiserstrasse 29, 60311 Frankfurt am Main, il-Ġermanja |
| **Indirizz postali** | Postfach 16 03 19, 60066 Frankfurt am Main, il-Ġermanja |
| **Telefon** | +49 69 1344 0 |
| **Internet** | http://www.ecb.europa.eu |

Id-drittijiet kollha miżmumin. Ir-riproduzzjoni għal finijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissemma s-sors.

| | |
|---|---|
| **ISBN** | 978-92-899-1198-6 (onlajn) |
| **ISSN** | 2315-3733 (onlajn) |
| **Nru Katalgu UE** | QB-BM-14-002-MT-N (onlajn) |

# MESSAĠĠI EWLENIN

Dan huwa t-Tieni Rapport Trimestrali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (ir-Regolament MSU). Dan ir-rapport, li huwa meħtieġ skont ir-Regolament MSU, ikopri t-tliet xhur **bejn l-4 ta' Frar u t-3 ta' Mejju 2014.**[1]

Il-messaġġi ewlenin ta' dan ir-Rapport Trimestrali huma dawn li ġejjin:

- **Fil-biċċa l-kbira tlesta t-twaqqif tal-istrutturi ta' governanza tal-MSU, inklużi r-regoli u l-arranġamenti organizzattivi relatati.** Il-Bord Superviżorju għamel ħames laqgħat matul dan il-perjodu li qiegħed jiġi eżaminat u adotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu stess u dan ippermetta t-twaqqif tal-Kumitat ta' Tmexxija. Id-Deċiżjoni tal-BĊE dwar it-twaqqif tal-Bord Amministrattiv ta' Reviżjoni ġiet adottata wkoll u għadha għaddejja sejħa għal espressjonijiet ta' interess għall-membri tiegħu. Ir-Regolament BĊE dwar it-twaqqif tal-Bord ta' Medjazzjoni dalwaqt se jiġi ffinalizzat sabiex jiġi adottat formalment fix-xahar ta' Mejju. Il-Kunsill Governattiv adotta Deċiżjoni tal-BĊE dwar ir-rappreżentanti tal-BĊE fil-Bord Superviżorju u ħatar tlieta minn dawn ir-rappreżentanti. Il-Kunsill Governattiv adotta wkoll Deċiżjoni tal-BĊE dwar il-kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti[2] ta' Stati Membri parteċipanti li l-munita tagħhom mhijiex l-euro.

- **Ir-Regolament Qafas tal-MSU ġie adottat mill-Kunsill Governattiv wara proposta tal-Bord Superviżorju u ppubblikat fil-25 ta' April 2014 flimkien ma' Stqarrija ta' Reazzjoni dwar l-eżitu tal-konsultazzjoni u l-emendi li kienu ġew introdotti.** Dan jikkonforma mal-iskadenza tal-MSU tal-4 ta' Mejju 2014 speċifikata fir-Regolament. Ir-Regolament Qafas tal-MSU jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament MSU (dwar il-kooperazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fi ħdan l-MSU). Skont ir-Regolament MSU, l-abbozz tat-test tar-Regolament Qafas tal-MSU ntbagħat għal konsultazzjoni pubblika bejn is-7 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 2014. L-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika kien pożittiv ħafna, b'appoġġ estensiv għall-approċċ propost fid-dokument konsultattiv.

- **Kompla x-xogħol fuq il-Manwal Superviżorju tal-MSU matul dan il-perjodu taħt eżami**. Il-mudell superviżorju tal-MSU, kif rifless fil-Manwal Superviżorju, li jkopri l-proċessi u l-proċeduri kif ukoll il-metodoloġija għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet importanti u inqas importanti, kompla jiġi rfinut permezz ta' reazzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-manwal huwa dokument ħaj maħsub għall-istaff tal-MSU u se jibqa' jiġi aġġornat regolarment qabel u wara l-4 ta' Novembru 2014. Il-BĊE

[1] L-Ewwel Rapport Trimestrali ġie ppubblikat fl-4 ta' Frar 2014, tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament MSU fl-4 ta' Novembru 2013.

[2] L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jinkludu wkoll banek ċentrali nazzjonali b'responsabbiltajiet superviżorji.

se jippubblika gwida dwar il-prattiki superviżorji biex jiġu kkjarifikati l-karatteristiċi, il-ħidmiet u l-proċessi tal-MSU.

- **Inbeda t-twaqqif ta' Timijiet Superviżorji Konġunti (JST), li se jkunu l-istruttura operattiva ewlenija biex issir superviżjoni mill-MSU.** Il-JST se jissorveljaw direttament madwar 130 grupp bankarju kkunsidrati importanti skont ir-Regolament MSU. It-twaqqif ta' Timijiet Superviżorji Konġunti li jiffunzjonaw tajjeb hija waħda mill-isfidi ewlenin li l-MSU qiegħed jiffaċċja biex jassumi fil-waqt il-kompiti superviżorji fl-4 ta' Novembru 2014. Flimkien mal-fatt li jkun hemm biżżejjed provvista ta' staff, il-kompiti jitolbu li jiġu żviluppati infrastrutturi operattivi, li jsir taħriġ u li jsiru arranġamenti organizzattivi effettivi. Il-MSU qiegħed jagħmel progress tajjeb fit-tħejjija tal-provvista ta' staff u t-twettiq tax-xogħol preparatorju. Huwa mistenni li l-koordinaturi tat-Timijiet Superviżorji Konġunti se jkunu nħatru sal-aħħar ta' Ġunju u kważi kollha kemm huma se jkunu ngħaqdu mal-BĊE sal-aħħar tas-sajf. Il-progress f'dan il-qasam ewlieni se jkun taħt monitoraġġ mill-qrib matul is-sena kollha.

- **Il-provvista ta' staff għall-MSU miexja b'pass sodisfaċenti, wara dewmien inizjali fil-ħatriet fil-livell maniġerjali anzjan.** Il-provvista ta' staff inġenerali qiegħda tipproċedi b'mod li tibda minn fuq għal isfel u l-ippjanar intern ġie aġġustat biex jieħu inkunsiderazzjoni d-dati ta' meta jibdew il-maniġers anzjani sabiex jiġi żgurat li massa kritika ta' staff tkun disponibbli fil-ħin biex iseħħ il-bidu operattiv tal-MSU. In-numru kbir ta' applikazzjonijiet (iktar minn 8,000 għall-pożizzjonijiet irreklamati sa issa) juri li hemm interess konsiderevoli fil-pożizzjonijiet tal-MSU. Il-bżonnijiet għall-provvista ta' staff jikkostitwixxu sfida ewlenija oħra għall-MSU.

- **Kien hemm progress importanti fit-twettiq tal-evalwazzjoni komprensiva.** L-għażla tal-portafolli suġġetti għall-eżami fir-reviżjoni tal-kwalità tal-assi ġiet konkluża, u l-fażi ta' eżekuzzjoni nbdiet. Id-dettalji tas-sitwazzjonijiet tat-test tal-istress, kif deċiżi mill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) u ppreparati f'kooperazzjoni mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u l-BĊE, saru disponibbli fid-29 ta' April 2014.

- **Il-Bord Superviżorju approva l-Manwal tar-Rappurtar Superviżorju li se jipprovdi l-qafas tad-dejta għall-appoġġ tat-twettiq tas-superviżjoni.** Il-manwal huwa dokument intern li jistabbilixxi l-metodu tar-rappurtar superviżorju u jiddeskrivi l-qafas tad-dejta u r-rappurtar tal-MSU.

- Ix-**xogħol ta' tħejjija** jinsab f'fażi avvanzata f'bosta oqsma, bħall-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informatika (IT), ir-riżorsi umani, il-bini, il-komunikazzjoni interna u esterna, il-qafas għad-drittijiet superviżorji, l-organizzazzjoni loġistika kif ukoll is-servizzi legali u tal-istatistika.

# 1 DAĦLA

Ir-Regolament MSU[3] jitlob lill-BĊE biex mit-3 ta' Novembru 2013 'il quddiem jibgħat rapport trimestrali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress fl-implimentazzjoni operattiva tar-Regolament MSU.

Bħala parti mill-arranġamenti dwar ir-responsabbiltà mal-Parlament Ewropew[4] kif ukoll mal-Kunsill tal-UE[5], dawn ir-rapporti trimestrali għandhom ikopru, fost l-oħrajn:

- it-tħejjija interna, l-organizzazzjoni u l-ippjanar tax-xogħol;
- l-arranġamenti konkreti li saru biex ikun hemm konformità mar-rekwiżit ta' separazzjoni bejn il-funzjonijiet tal-politika monetarja u tas-superviżjoni;
- il-kooperazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn kemm nazzjonali kif ukoll tal-UE;
- kwalunkwe ostaklu li jkun iltaqa' miegħu l-BĊE fit-tħejjija tal-kompiti superviżorji tiegħu;
- il-ġrajjiet li jqajmu tħassib jew tibdil fil-Kodiċi ta' Kondotta.

L-ewwel Rapport Trimestrali tal-MSU, li ġie ppubblikat fl-4 ta' Frar 2014, ma kopriex biss il-perjodu bejn it-3 ta' Novembru 2013 u t-3 ta' Frar 2014 iżda wkoll ix-xogħol ta' tħejjija li sar wara s-*Summit* taż-Żona tal-Euro tad-29 ta' Ġunju 2012.

Dan it-tieni rapport, li jkopri l-perjodu bejn l-4 ta' Frar u t-3 ta' Mejju 2014, tħejja mill-istaff tal-BĊE u ġie approvat mill-Bord Superviżorju wara konsultazzjoni mal-Kunsill Governattiv tal-BĊE.

It-tielet Rapport Trimestrali se jiġi ppubblikat fil-bidu ta' Awwissu 2014.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew dwar politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

[4] Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-modalitajiet prattiċi tal-eżerċizzju tar-responsabbiltà u s-sorveljanza demokratika fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompiti konferiti lill-BĊE fi ħdan il-qafas tal-Mekkanizmu Superviżorju Uniku (ĠU L 320, 30.11.2013, p. 1).

[5] Memorandum ta' Ftehim bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-kooperazzjoni fuq il-proċeduri relatati mal-Mekkanizmu Superviżorju Uniku, li daħal fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2013.

# 2 TWAQQIF TAL-ISTRUTTURI TA' GOVERNANZA TAL-MSU

## 2.1 BORD SUPERVIŻORJU

Saru għadd ta' ħatriet oħra fil-Bord Superviżorju.

**Is-Sa Sabine Lautenschläger** dehret quddiem il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji fis-seduta tat-3 ta' Frar 2014 u sussegwentement inħatret mill-Kunsill tal-UE bħala Viċi President tal-Bord Superviżorju b'seħħ mit-12 ta' Frar 2014.

Fis-6 ta' Marzu 2014 il-Kunsill Governattiv ħatar tliet rappreżentanti tal-BĊE fil-Bord Superviżorju:

- **Is-Sur Ignazio Angeloni**, li qabel kien id-Direttur Ġenerali tal-BĊE għall-Politika Makroprudenzjali u l-Istabbiltà Finanzjarja, inħatar b'seħħ mis-6 ta' Marzu 2014.

- **Is-Sa Sirkka Hämäläinen**, Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE bejn l-1998 u l-2003, se tingħaqad mal-Bord Superviżorju f'Mejju 2014.

- **Is-Sa Julie Dickson**, li bħalissa hija *Superintendent of Financial Institutions* fl-uffiċċju tas-*Superintendent of Financial Institutions* (OSFI), ir-regolatur ewlieni Kanadiż u superviżur tal-industrija finanzjarja, se tingħaqad mal-Bord Superviżorju f'Awwissu 2014.

Fil-31 ta' Marzu 2014 il-Bord Superviżorju adotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu stess wara li kkonsulta mal-Kunsill Governattiv. Dawn ir-Regoli ta' Proċedura daħlu fis-seħħ fl-1 ta' April 2014 u sussegwentement ġew ippubblikati fil-websajt tal-BĊE. Dawn jissupplimentaw ir-Regoli ta' Proċedura tal-BĊE, li ġew emendati f'Jannar 2014 biex jispeċifikaw bid-dettalji r-relazzjoni bejn il-Kunsill Governattiv u l-Bord Superviżorju.

## 2.2 KUMITAT TA' TMEXXIJA

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Bord Superviżorju fihom ukoll dispożizzjonijiet dwar il-Kumitat ta' Tmexxija.

Il-Kumitat ta' Tmexxija huwa kompost minn tmien Membri tal-Bord Superviżorju:

- President;

- Viċi President;

- wieħed mir-rappreżentanti tal-BĊE;

- ħames membri mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-ħames membri mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha jinħatru għal żmien sena. Sabiex jiġi żgurat bilanċ u rotazzjoni ġusti fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, dawn ġew allokati f'erba' gruppi, skont il-klassifika bbażata fuq l-assi bankarji konsolidati totali fl-Istat Membru parteċipanti rilevanti. Għandu jkun hemm dejjem tal-inqas membru wieħed minn kull grupp fil-Kumitat ta' Tmexxija.

Il-mandat tal-Kumitat ta' Tmexxija huwa li jappoġġa l-attivitajiet tal-Bord Superviżorju u jħejji l-laqgħat tiegħu. L-ewwel laqgħa tiegħu saret fis-27 ta' Marzu 2014.

## 2.3 IL-BORD AMMINISTRATTIV TA' REVIŻJONI

Skont ir-Regolament MSU, il-BĊE għandu jistabbilixxi Bord Amministrattiv ta' Reviżjoni bil-għan li jagħmel reviżjonijiet amministrattivi interni tad-deċiżjonijiet meħudin mill-BĊE fl-eżerċizzju tas-setgħat li ngħatawlu mir-Regolament MSU. Dan il-bord intern għandu jkun kompost minn ħames individwi ta' fama stabbilita li jkunu ġejjin minn Stati Membri u li għandhom reputazzjoni pruvata ta' għarfien rilevanti u esperjenza professjonali, inkluża esperjenza superviżorja ta' livell għoli biżżejjed fl-oqsma bankarji u servizzi finanzjarji oħra.

Il-mandat tal-Bord Amministrattiv ta' Reviżjoni għandu jkun li jirrevedi deċiżjonijiet superviżorji wara talba minn persuni naturali jew legali li jkunu ġew indirizzati bihom jew li jkunu ta' interess dirett u individwali għal dawk il-persuni. L-ambitu tar-reviżjoni għandu x'jaqsam mal-konformità proċedurali u sostantiva tad-deċiżjonijiet kontestati mar-Regolament MSU.

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-BĊE dwar it-twaqqif tal-Bord Amministrattiv ta' Reviżjoni u r-Regoli ta' Operazzjoni tiegħu ntbagħtu għall-konsultazzjoni lill-Bord Superviżorju u, wara, ġew diskussi u adottati mill-Kunsill Governattiv fis-16 ta' April 2014. Fl-1 ta' Mejju 2014 il-BĊE nieda sejħa għal espressjoni ta' interess għall-membri tal-Bord Amministrattiv ta' Reviżjoni, li ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

## 2.4 BORD TA' MEDJAZZJONI

Sabiex tiġi żgurata s-separazzjoni bejn il-politika monetarja u l-kompiti superviżorji, ir-Regolament MSU jipprovdi għal korp intern ieħor, il-Bord ta' Medjazzjoni. L-iskop ta' dan il-korp huwa li jsolvi – jekk jintalab jagħmel hekk minn xi awtorità nazzjonali kompetenti – diverġenzi fil-fehmiet dwar xi oġġezzjoni mill-Kunsill Governattiv għal abbozz ta' deċiżjoni li tkun tħejjiet mill-Bord Superviżorju. Il-Bord ta' Medjazzjoni għalhekk għandu jinkludi membru

wieħed minn kull Stat Membru parteċipanti, magħżul minn fost il-membri tal-Kunsill Governattiv u l-Bord Superviżorju.

L-abbozz tar-Regolament tal-BĊE dwar it-twaqqif tal-Bord ta' Medjazzjoni u r-Regoli ta' Proċedura tiegħu ntbagħat għall-konsultazzjoni lill-Bord Superviżorju u, wara, ġie diskuss u adottat fil-prinċipju mill-Kunsill Governattiv fil-21 ta' Marzu 2014, sabiex jiġi adottat formalment f'Mejju meta jkunu disponibbli l-verżjonijiet lingwistiċi kollha.

# 3 ORGANIZZAZZJONI TAL-FUNZJONI SUPERVIŻORJA FIL-BĊE

## 3.1 ORGANIZZAZZJONI

Ġew stabbiliti erba' Direttorati Ġenerali (DĠ) ġodda u Segretarjat speċifiku għall-Bord Superviżorju biex iwettqu l-funzjoni superviżorja tal-BĊE. Is-sura tal-organizzazzjoni issa ġiet irfinuta iktar.

**Id-DĠ Superviżjoni Mikroprudenzjali I u II** (DĠ MPS I u II), li jieħdu ħsieb is-superviżjoni diretta ta' kuljum ta' madwar 130 grupp bankarju importanti, fihom seba' u tmien diviżjonijiet rispettivament. L-allokazzjoni ta' banek bejn iż-żewġ DĠ miexi 'l quddiem skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju għas-superviżjoni, jiġifieri billi jiġu kkunsidrati l-iskoperturi għar-riskju, il-kumplessità u l-mudelli ta' negozju tal-banek. It-30 bank l-iktar sistemiċi ġew allokati lid-DĠ MPS I u l-bqija lid-DĠ MPS II.

**Id-DĠ Superviżjoni Mikroprudenzjali III** (DĠ MPS III), li jieħu ħsieb is-superviżjoni indiretta ta' banek inqas importanti, fih tliet diviżjonijiet:

- Analiżi u Appoġġ Metodoloġiku;
- Sorveljanza Istituzzjonali u Settorjali;
- Sorveljanza Superviżorja u Relazzjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

**Id-DĠ Superviżjoni Mikroprudenzjali IV** (DĠ MPS IV), li jieħu ħsieb servizzi orizzontali u speċjalizzati, fih għaxar diviżjonijiet:

- Awtorizzazzjoni;
- Infurzar u Sanzjonijiet;
- Mudelli Interni;
- Żvilupp ta' Metodoloġija u Standards;

- Ippjanar u Koordinazzjoni ta' Programmi ta' Eżami Superviżorji;
- Spezzjonijiet Ċentralizzati fuq il-post;
- Assigurazzjoni tal-Kwalità Superviżorja;
- Ġestjoni tal-Kriżijiet;
- Politika Superviżorja;
- Analiżi tar-Riskji tal-MSU.

F'sebgħa mill-għaxar diviżjonijiet inħolqu substrutturi organizzattivi oħrajn maqsumin f'żewġ taqsimiet għal kull diviżjoni. Twaqqfet ukoll unità indipendenti, l-Uffiċċju Ċentrali tal-Operazzjonijiet, biex tgħin fid-definizzjoni tal-funzjonijiet tat-teknoloġija tal-informatika (IT) meħtieġa mid-Direttorati Ġenerali tas-Superviżjoni Mikroprudenzjali li se jiġu provduti minn DĠ Sistemi tal-Informatika u DĠ Statistika.

Fl-aħħar nett, **is-Segretarjat tal-Bord Superviżorju** jikkonsisti minn unità organizzattiva waħda fil-livell ta' Direttorat, u fih żewġ taqsimiet:

- Proċess tat-Teħid tad-Deċiżjonijiet;
- Politika tat-Teħid tad-Deċiżjonijiet.

## 3.2 PROVVISTA TA' STAFF

Il-proċedura tar-reklutaġġ tal-MSU ġiet organizzata b'mod li tibda minn fuq għal isfel, bil-maniġment anzjan ikun tal-ewwel.

L-ippjanar intern ġie aġġustat biex jieħu inkunsiderazzjoni d-dati tal-bidu tal-maniġers anzjani u biex tiġi żgurata li massa kritika ta' staff tkun disponibbli fil-ħin għall-bidu operattiv tal-MSU.

Sal-bidu ta' Marzu, għaxar maniġers anzjani bdew fil-kariga tagħhom u kienu qegħdin jipparteċipaw fil-proċeduri tal-għażla għall-maniġment tan-nofs.

Imbagħad ingħatat prijorità għar-reklutaġġ tal-maniġment tan-nofs tad-DĠ MPS I u II, bl-għan li jiġu stabbiliti Timijiet Superviżorji Konġunti operattivi, u għar-reklutaġġ għal tliet diviżjonijiet tad-DĠ MPS IV (jiġifieri Żvilupp ta' Metodoloġija u Standards, Analiżi tar-Riskji tal-MSU u Ippjanar u Koordinazzjoni ta' Programmi ta' Eżami Superviżorji). Huwa mistenni li l-maġġornanza ta' dawn it-18-il Kap ta' Diviżjoni jkunu bdew ħidmiethom sa Mejju. Barra minn dan, madwar 100 Kap ta' Taqsima u Konsulenti li diġà ġew ingaġġati f'dawn l-oqsma ta' prijorità se jingħaqdu mal-BĊE gradwalment fix-xhur li ġejjin. Ir-reklutaġġ tal-maniġment tan-

nofs tad-DĠ MPS III se jiġi ffinalizzat għall-ħabta ta' Mejju, u dak għall-bqija tal-maniġment tan-nofs tad-DĠ MPS IV se jiġi ffinalizzat qabel is-sajf.

Fl-istess waqt, il-postijiet battala għal superviżuri tad-DĠ MPS I u II ġew ippubblikati fil-bidu ta' Frar. Madwar 280 superviżur huma mistennija jintgħażlu sa Ġunju u r-reklutaġġ ta' madwar 260 professjonist li jkun fadal għad-DĠ MPS III u IV huwa mistenni jiġi ffinalizzat bejn Lulju u Settembru.

Fl-aħħar nett, il-proċess ta' reklutaġġ għas-"servizzi maqsumin" tal-BĊE (e.g. IT, riżorsi umani, servizzi legali, baġit, statistika, komunikazzjonijiet u amministrazzjoni) miexi sew 'il quddiem mingħajr xkiel, fl-istess ħin mar-reklutaġġ tal-maniġment tan-nofs u l-istaff tal-esperti.

Fil-frattemp, madwar 200 espert professjonali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ġew, jew se jkunu ssekondati lill-BĊE fuq bażi temporanja għall-appoġġ tal-kompiti operattivi immedjati. L-aħħar influss ta' madwar 120 persuna ssekondata mistenni jibda f'Mejju u Ġunju.

L-ipotesijiet wara l-kronoloġija tar-reklutaġġ huma realistiċi, kif ġie kkonfermat mill-ewwel influssi ta' reklutaġġ. Huwa importanti, madankollu, li tinżamm l-ispinta attwali partikolarment fir-rigward tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u t-tlestija tal-proċeduri tal-għażla. In-numru kbir ta' applikazzjonijiet (iktar minn 8,000 għall-pożizzjonijiet reklamati sa issa) juri li hemm interess konsiderevoli fil-pożizzjonijiet tal-MSU, xejra li għandha tiġi kkonfermata fl-influssi sussegwenti tar-reklutaġġ. Biex jittaffew ir-riskji relatati mal-kwalità u l-ħeffa tal-proċess ta' reklutaġġ, il-BĊE qiegħed jintroduċi minn qabel għadd ta' għodod ta' evalwazzjoni (e.g. ittestjar onlajn, testijiet bil-miktub mill-bogħod u intervisti tekniċi ta' qabel l-għażla) li jistgħu jintużaw b'mod flessibbli skont in-numru ta' applikazzjonijiet.

Riskju ieħor jista' jkun il-perjodu ta' avviż itwal minn dak previst, li jfisser li t-timijiet jistgħu ma jiġux ikkompletati malajr daqs kemm ikun previst (partikolarment billi numru ta' istituzzjonijiet ta' rilaxx issa huma involuti bil-kbir fl-evalwazzjoni komprensiva). Fi kwalunkwe każ, hemm intendiment ċar li ma jkunx hemm kompromess fuq il-kwalità.

## 3.3 TWAQQIF TAT-TIMIJIET SUPERVIŻORJI KONĠUNTI

Is-superviżjoni operattiva ta' banek importanti se tkun ir-responsabbiltà tat-Timijiet Superviżorji Konġunti (JST). Kull JST se jitmexxa minn koordinatur tal-JST li jaħdem mal-BĊE u se jinkludi numru ta' superviżuri mill-BĊE u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri parteċipanti.

Il-BĊE miexi 'l quddiem sew fl-għażla tal-istaff u t-twettiq tax-xogħol ta' tħejjija għat-Timijiet Superviżorji Konġunti. Kif intqal iktar 'il fuq, ir-reklutaġġ għall-maniġment tan-nofs tad-DĠ

MPS I u II miexi kif ippjanat. Huwa mistenni li l-koordinaturi kollha tat-Timijiet Superviżorji Konġunti se jinħatru sal-aħħar ta' Ġunju u kważi kollha se jkunu ngħaqdu mal-BĊE sal-aħħar tas-sajf. Il-provvista ta' staff tal-JST miexja sew ukoll u huwa mistenni li, mill-280 membru tal-istaff magħżula sa Ġunju, l-istaff ta' 200 kkunsidrati meħtieġa biex il-JST ikunu operattivi għal kollox se jkun beda jaħdem sa Settembru. L-istaff li jibqa' jikkostitwixxi "bafer" addizzjonali u se jingħaqad mal-BĊE f'Ottubru.

Ix-xogħol ta' tħejjija biex il-JST isiru operattivi ilu għaddej. Dan jinkludi xogħol fuq il-Manwal Superviżorju li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-JST fil-fażijiet differenti kollha tal-proċess superviżorju, kif ukoll id-definizzjoni tal-istruttura organizzattiva u l-ħtiġijiet tal-istaff tagħhom.

Iktar riċenti, id-DĠ MPS I u II stabbilew numru ta' *work streams* biex jiġu definiti r-responsabbiltajiet, il-proċessi u l-infrastruttra meħtieġa għall-JST sabiex ikunu operattivi għal kollox sa Novembru 2014. Dawn il-*work streams* jiffukaw fuq l-oqsma ta' prijorità li ġejjin:

- l-iżvilupp ta' strateġiji u proċessi, u l-kunsiderazzjoni ta' aspetti organizzattivi;
- il-bini ta' relazzjonijiet ma' parteċipanti ewlenin, partikolarment awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
- li jkunu mifhuma l-profili ta' riskju u jiġu stabbiliti strateġiji superviżorji għal istituzzjonijiet importanti;
- it-tħejjija għal trasferiment bla xkiel tar-responsabbiltajiet superviżorji;
- il-preparazzjoni ta' kompiti u attivitajiet fi stat sod relatati mas-superviżjoni kontinwa.

Bħala parti minn dan il-proċess, id-DĠ MPS I u II qegħdin jagħmlu tħejjijiet għat-Timijiet Superviżorji Konġunti biex jieħdu ħsieb ir-riżultati tal-evalwazzjoni komprensiva u r-reazzjonijiet superviżorji li jistgħu joħorġu minnhom.

## 3.4 SEPARAZZJONI TAL-OQSMA FUNZJONALI

Ir-Regolament MSU jitlob li l-BĊE jadotta u jippubblika r-regoli interni meħtieġa biex jiżgura li jkun hemm separazzjoni bejn l-oqsma tal-funzjoni superviżorja u tal-politika monetarja (u kompiti oħra tal-BĊE) fosthom regoli dwar is-segretezza professjonali u l-iskambji ta' informazzjoni.

Għadd ta' proċessi ġew stabbiliti diġà għall-implimentazzjoni ta' din is-separazzjoni fejn jidħlu l-organizzazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet. Barra minn hekk, mill-2015, is-separazzjoni

organizzattiva se tkompli tkun riflessa u appoġġata billi ż-żewġ funzjonijiet se jitqiegħdu f'żoni separati ta' Frankfurt:

- is-superviżjoni bankarja se ikollha s-sede tagħha fil-Eurotower, il-bini fiċ-ċentru ta' Frankfurt li qiegħed jintuża mill-BĊE bħalissa;
- il-politika monetarja u oqsma oħra tan-negozju tal-BĊE se jkollhom is-sede fil-kwartieri l-ġodda tal-BĊE, li bħalissa qiegħed jinbena fid-distrett ta' Ostend fi Frankfurt.

Miexi wkoll ix-xogħol għad-definizzjoni ta' regoli dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-funzjoni superviżorja u l-politika monetarja u funzjonijiet oħrajn. Dawn ir-regoli se jiġu abbozzati f'konformità sħiħa u stretta mal-liġijiet u r-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali (partikolarment ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRD IV)[6] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew[7]) u l-obbligi ġenerali ta' segretezza professjonali kif stabbiliti fl-Istatut tas-SEBĊ. Il-BĊE huwa kunfidenti li jista' jilħaq separazzjoni sħiħa u effettiva filwaqt li jiggwadanja – kull meta jkun possibbli u mixtieq – il-benefiċċji kollha mistennija meta jiġu kkombinati dawn iż-żewġ funzjonijiet fl-istess istituzzjoni.

## 3.5 KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-ISTAFF U L-MANIĠMENT INVOLUT FIS-SUPERVIŻJONI BANKARJA

Skont ir-Regolament MSU, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE se jistabbilixxi u jippubblika *Kodiċi ta' Kondotta għall-istaff u l-amministrazzjoni tal-BĊE involuti fis-superviżjoni bankarja*. Il-BĊE bħalissa qiegħed iħejji dawn ir-regoli ta' kondotta etika bħala parti minn reviżjoni ġenerali tal-Qafas ta' Etika li japplika għall-istaff kollu tal-BĊE. Dawn ir-regoli ġodda se jqisu r-rekwiżiti kollha stabbiliti fir-Regolament MSU u l-Ftehim Interistituzzjonali. Dalwaqt se titressaq proposta lill-Bord Superviżorju u l-korpi deċiżjonali tal-BĊE, wara li jiġu kkonsultati r-rappreżentanti tal-istaff tal-BĊE. F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali, il-BĊE se jinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-elementi ewlenin tal-Kodiċi ta' Kondotta previst qabel ma dan jiġi adottat. Huwa mistenni li r-regoli ġodda se jidħlu fis-seħħ qabel ma l-BĊE jassumi għal kollox r-responsabbiltajiet superviżorji tiegħu f'Novembru 2014.

[6] ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.
[7] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 23.

# 4 IL-QAFAS LEGALI

## 4.1 KONSULTAZZJONI PUBBLIKA DWAR L-ABBOZZ TAL-BĊE TAR-REGOLAMENT QAFAS TAL-MSU

Skont ir-Regolament MSU, il-BĊE għandu jadotta, b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u abbażi ta' proposta tal-Bord Superviżorju, il-qafas li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament MSU (dwar il-kooperazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fi ħdan il-MSU). Dan il-qafas se jieħu s-sura ta' regolament tal-BĊE (ir-Regolament Qafas MSU tal-BĊE).

Wara t-trażmissjoni lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi tal-Parlament Ewropew, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Interistituzzjonali, tnediet konsultazzjoni pubblika dwar ir-Regolament Qafas fis-7 ta' Frar 2014 għal perjodu ta' erba' ġimgħat (sas-7 ta' Marzu). Barra minn hekk, saret laqgħa pubblika fil-BĊE fid-19 ta' Frar fejn il-parteċipanti ngħataw l-ewwel opportunità li jistaqsu mistoqsijiet dwar l-abbozz tat-test legali.

L-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika kien pożittiv ħafna. Sad-data tal-għeluq, il-BĊE kien irċieva 36 sett ta' kummenti. Dawk li wieġbu kienu jinkludu assoċjazzjonijiet tas-suq u tal-banek nazzjonali u Ewropej, istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu (mhux taż-żona tal-euro) u awtoritajiet tal-banek ċentrali u superviżorji, ministeri tal-finanzi u avukati. Dawn il-kummenti ġew ippubblikati fil-websajt tal-BĊE.

Bosta kummenti kienu tekniċi, u ntalbu kjarifiki u emendi għal dispożizzjonijiet speċifiċi, li jindika appoġġ wiesa' għall-approċċ ġenerali propost fl-abbozz tar-Regolament Qafas. L-aktar suġġetti komuni kienu jinkludu:

- ir-regoli proċedurali għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet superviżorji tal-BĊE (e.g. id-dritt ta' smigħ, l-aċċess għall-fajls, is-sistema lingwistika);
- il-metodoloġija għall-evalwazzjoni tal-importanza tal-korpi sorveljati;
- kwistjonijiet dwar il-passaporti;
- is-sistema ta' kooperazzjoni mill-qrib;
- l-istatus tal-entitajiet sorveljati inqas importanti.

Ħafna minn dawk li wieġbu qajmu wkoll mistoqsijiet dwar il-funzjonament tat-Timijiet Superviżorji Konġunti jew dwar l-ispezzjonijiet fuq il-post – u, b'mod iktar ġenerali, dwar kif l-MSU se jopera minn Novembru 2014. Ir-Regolament Qafas tal-MSU[8] ġie ppubblikat mill-BĊE

[8] http://www.ecb.europa.eu/ecb/legal/pdf/mt_reg_ecb_2014_17_f_sign.pdf

fil-25 ta' April 2014, flimkien ma' Stqarrija ta' Reazzjoni[9], li indirizzat il-kummenti l-aktar dettaljati li waslu u li tat ħarsa ġenerali lejn l-emendi riżultanti għall-abbozz tar-Regolament Qafas.

## 4.2 DEĊIŻJONI TAL-BĊE DWAR IL-KOOPERAZZJONI MILL-QRIB

Id-Deċiżjoni BĊE/2014/5 tal-31 ta' Jannar 2014 dwar il-kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri parteċipanti li l-munita tagħhom mhijiex l-euro tistabbilixxi l-proċedura għat-twaqqif ta' kooperazzjoni mill-qrib – partikolarment fir-rigward ta' talbiet dwar id-dħul f'kooperazzjoni mill-qrib, l-evalwazzjoni ta' dawk it-talbiet mill-BĊE u s-sospensjoni potenzjali u t-tmiem tal-kooperazzjoni mill-qrib. Din id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ fis-27 ta' Frar 2014.

Filwaqt li d-Deċiżjoni BĊE/2014/5 tistabbilixxi l-aspetti proċedurali biex ikun hemm kooperazzjoni mill-qrib, ir-Regolament Qafas tal-MSU jfisser kif topera l-kooperazzjoni mill-qrib u kif issir is-superviżjoni ladarba tkun ġiet stabbilita l-kooperazzjoni mill-qrib. Għalhekk, iż-żewġ atti legali jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni mill-qrib stabbilita fl-Artikolu 7 tar-Regolament MSU.

Sa issa l-ebda talba għal kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE ma ġiet innotifikata minn Stat Membru li l-munita tiegħu ma hijiex l-euro lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-BĊE u lill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), skont il-proċeduri previsti mir-Regolament MSU u d-Deċiżjoni BĊE/2014/5.

## 4.3 RAKKOMANDAZZJONI TAL-BĊE GĦAL EMENDI GĦAR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 2532/98 – SANZJONIJIET

Fil-25 ta' April 2014 il-BĊE ppubblika rakkomandazzjoni[10] biex jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-poteri tal-BĊE li jimponi sanzjonijiet[11] sabiex jiġu kkjarifikati r-regoli li japplikaw għal:

- sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mill-BĊE meta jeżerċita kompiti ta' bank ċentrali li ma jkunux kompiti superviżorji;
- penalitajiet amministrattivi li jistgħu jiġu imposti mill-BĊE meta jeżerċita l-kompiti superviżorji tiegħu.

[9] http://www.ecb.europa.eu/ssm/consultations/shared/pdf/framework/draft-ssm-framework-regulation-feedback.en.pdf

[10] http://www.ecb.europa.eu/ecb/legal/pdf/mt_rec_ecb_2014_19.pdf

[11] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 19.

Dan sabiex jiġi żgurat li r-Regolament (KE) Nru 2532/98 u r-Regolament MSU joperaw effettivament u konsistentement fil-kuntest tal-MSU. Biex iwettaq il-kompiti kkonferiti lilu mir-Regolament MSU, il-BĊE jista' jimponi penalitajiet pekunjarji amministrattivi għall-ksur tad-dritt tal-UE li japplika direttament[12], u sanzjonijiet "fil-każ ta' ksur tar-regolament jew deċiżjonijiet tiegħu"[13] (iktar 'il quddiem msemmijin flimkien bħala "penalitajiet amministrattivi"). Il-prinċipji u l-proċeduri applikabbli għall-impożizzjoni ta' penalitajiet pekunjarji amministrattivi għal ksur tad-dritt tal-UE li huwa applikabbli direttament skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament MSU huma stabbiliti fir-Regolament MSU u huma speċifikati iktar fir-Regolament Qafas tal-MSU. Skont l-Artikolu 18(7) tar-Regolament MSU, il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet għal ksur tar-regolamenti u d-deċiżjonijiet tal-BĊE, skont ir-Regolament (KE) Nru 2532/98[14]. F'dan l-isfond, huwa ta' importanza partikolari li jiġi stabbilit reġim koerenti għall-impożizzjoni mill-BĊE tal-penalitajiet amministrattivi kollha għat-twettiq tal-kompiti superviżorji tiegħu skont ir-Regolament MSU.

Barra minn hekk, ċerti regoli fir-Regolament (KE) Nru 2532/98 huma differenti minn dawk stabbiliti fir-Regolament MSU. Dawn jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-limiti massimi tal-multi u ħlasijiet ta' penalitajiet perjodiċi, regoli proċedurali u l-limiti ta' żmien preskritti fir-Regolament (KE) Nru 2532/98. L-emendi rrakkomandati għar-Regolament (KE) Nru 2532/98 se jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet.

### 4.4 ABBOZZ TAR-REGOLAMENT TAL-BĊE DWAR ID-DRITTIJIET SUPERVIŻORJI

Għal dettalji tar-Regolament tal-BĊE dwar id-drittijiet superviżorji, ara t-Taqsima 6.2.

# 5 MUDELL SUPERVIŻORJU

## 5.1 FINALIZZAZZJONI TAL-MANWAL SUPERVIŻORJU

Il-Manwal Superviżorju huwa dokument intern għall-membri tal-istaff tal-MSU u jkopri l-proċessi, il-proċeduri u l-metodoloġija għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet importanti u inqas

[12] L-Artikolu 18(1) tar-Regolament MSU jipprovdi li l-BĊE jimponi penalitajiet pekunjarji amministrattivi "meta istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji *holding* finanzjarji, jew kumpaniji *holding* finanzjarji mħallta, b'mod intenzjonali jew, b'negliġenza, jiksru rekwiżit skont atti rilevanti tad-dritt tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom għandu jkun hemm disponibbli penali pekunjarji amministrattivi għall-awtoritajiet kompetenti skont id-dritt rilevanti tal-Unjoni u sanzjonijiet f'każ ta' ksur tar-regolamenti jew deċiżjonijiet tiegħu".

[13] Skont l-Artikolu 18(7) tar-Regolament MSU.

[14] Barra minn hekk, l-Artikolu 18(4) tar-Regolament MSU jeżiġi li l-BĊE japplika l-Artikolu 18 skont l-atti msemmijin fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament tal-MSU, inklużi l-proċeduri li hemm fir-Regolament (KE) Nru 2532/98, kif ikun xieraq.

importanti, u jqis il-prinċipji għall-funzjonament tal-MSU. Il-manwal ifisser il-proċeduri għall-kooperazzjoni fi ħdan l-MSU kif ukoll mal-awtoritajiet barra l-MSU.

L-ewwel abbozz tal-manwal tressaq lill-Bord Superviżorju fl-ewwel laqgħa tiegħu fit-30 ta' Jannar 2014. Madankollu, il-manwal huwa dokument ħaj li jiġi aġġornat kontinwament hekk kif tiġi rfinuta l-metodoloġija permezz tal-kalibrazzjoni u l-proċeduri bl-użu ta' reazzjonijiet ġejjin mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Għalhekk il-manwal se jibqa' jiġi aġġornat regolarment kemm qabel kif ukoll wara l-4 ta' Novembru 2014 meta l-BĊE se jassumi l-kompiti superviżorji kollha tiegħu.

Billi l-metodoloġija għall-evalwazzjoni tar-riskju u għall-kwantifikazzjoni tal-kapital u tal-likwidità fi ħdan il-Proċess Superviżorju ta' Analiżi u Evalwazzjoni tal-MSU (SREP)[15] tiddependi fil-biċċa l-kbira mid-disponibbiltà u l-kwalità tad-dejta superviżorja rappurtata, qegħdin isiru sforzi konsiderevoli biex tittejjeb il-kopertura u l-kwalità ta' din id-dejta kif ukoll tal-informazzjoni superviżorja użata fl-analiżi.

Saru tliet eżerċizzji pilota dwar il-ġbir ta' dejta fuq il-bażi tal-aħjar sforz mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. F'dak il-qafas ingħatat attenzjoni partikolari għal fatturi varjabbli ewlenin kif ukoll aġġustamenti u korrezzjonijiet għall-elementi periferiċi jew varjabbli neqsin. Dawn l-isforzi identifikaw kwistjonijiet sostanzjali f'termini ta' paragunabbiltà u kwalità ta' dejta, relatati pereżempju ma' differenzi bejn l-oqfsa tal-kontabbiltà nazzjonali, li jxekklu l-evalwazzjoni tad-dejta, il-proporzjonijiet tal-likwidità, u l-indikaturi tar-riskju tar-rata tal-imgħax. Fl-istess ħin il-metodoloġija tjiebet b'mod sinifikanti u tirrifletti kif mudelli ta' negozju speċifiċi jew sitwazzjonijiet partikolari jistgħu jaffettwaw il-valuri tal-indikaturi.

Barra minn dan, ingħatat attenzjoni speċifika għall-espansjoni ta' sorsi tad-dejta tas-suq sabiex titjieb ir-reqqa u l-preċiżjoni tal-analiżi superviżorja permezz tal-għodod ta' terzi. Dawn is-sorsi jinkludu dejta minn fornituri esterni kif ukoll soluzzjonijiet disponibbli fil-BĊE u fl-Eurosistema. Il-benefiċċji tal-espansjoni tas-sorsi tad-dejta u l-informazzjoni huma, fost affarijiet oħra, il-possibbiltà li (i) tiġi kkomplementata d-dejta minn rappurtar superviżorju, (ii) jiġu sfruttati sinerġiji potenzjali minn sorsi ta' dejta oħrajn, u (iii) isiru kontroverifiki tad-dejta superviżorja.

Il-kunċett ta' kwantifikazzjoni tal-kapital u tal-likwidità fi ħdan is-SREP kompla jiġi żviluppat. Il-metodu MSU jikkwantifika r-rekwiżiti kapitali għal riskji suġġetti għal rekwiżiti minimi regolatorji (riskji tal-Pilastru 1) u għal tipi ta' riskju addizzjonali li mhumiex koperti diġà mir-rekwiżiti minimi (riskji tal-Pilastru 2). Ir-riskji huma kkwantifikati fil-qafas SREP tal-MSU bl-

[15] L-SERP huwa l-proċess użat għall-gwida tal-analiżi superviżorja għad-determinazzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali possibbli fir-rigward ta' fondi proprji, divulgazzjoni jew likwidità, jew miżuri oħrajn, fir-rigward tal-entità sorveljata.

użu ta' informazzjoni mis-sistema ta' evalwazzjoni tar-riskji tal-MSU (RAS) u l-evalwazzjoni tal-Proċess ta' Evalwazzjoni tal-Adegwatezza tal-Kapital Intern (ICAAP) tal-istituzzjoni.

Sar xogħol ukoll fuq l-ittestjar tal-metodoloġija tal-kwantifikazzjoni inizjali bl-użu ta' dejta miġbura mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Ix-xogħol tal-ittestjar inkluda l-analiżi tal-impatt ta' kunċetti metodoloġiċi speċifiċi u l-kalibrazzjoni u l-ittestjar ta' metodoloġiji speċifiċi maħluqa għall-kwantifikazzjonijiet tar-riskju. Barra minn hekk, l-ittestjar intrabat mal-iżvilupp ta' għodod għall-kalkoli u l-mudelli għar-rappurtar intern eċċ, kif ukoll għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Dawn l-attivitajiet huma wkoll parti mix-xogħol tal-iżvilupp iktar wiesa' tal-IT tal-MSU.

Il-Manwal Superviżorju tal-MSU se jkun fih anness li jispeċifika l-metodoloġija għall-ispezzjonijiet fuq il-post, biex b'hekk jiġu provduti timijiet ta' spezzjonijiet fuq il-post bi gwida dwar kwistjonijiet ta' evalwazzjoni, kif ukoll id-definizzjoni tal-għanijiet, it-tekniki u l-konklużjonijiet tal-ispezzjonijiet fuq il-post. L-għan aħħari huwa li tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-evalwazzjoni u l-azzjonijiet superviżorji li jirriżultaw mill-ispezzjonijiet billi jiġu armonizzati l-proċeduri u jiġi stabbilit qafas ċar biex jiġu żgurati azzjonijiet superviżorji. Is-suġġetti inklużi fl-anness metodoloġiku jinkludu l-kategoriji li ġejjin (skont il-metodoloġija tal-evalwazzjoni tar-riskju):

- ir-riskju tal-kreditu;
- ir-riskju tas-suq;
- riskju operattiv (inkluż l-IT u xogħol mogħti barra l-organizzazzjoni);
- il-governanza korporattiva u l-qafas tal-kontroll intern (fosthom il-governanza interna, il-funzjoni tal-kontroll tar-riskju, ir-rimunerazzjoni, il-verifika interna u l-funzjonijiet tal-konformità);
- ir-riskju tal-likwidità u kwistjonijiet marbutin mal-kapital (il-proċess ta' evalwazzjoni tal-kalkolu tar-rekwiżiti tal-kapital u l-eżami reviżorju ICAAP).

L-ispetturi jistgħu jużaw il-ġudizzju professjonali tagħhom biex jintroduċu subkategoriji iktar granulari kif ikun xieraq.

Il-metodoloġija ta' spezzjoni fuq il-post min-naħa tal-MSU mhijiex mistennija li tkun statika imma tevolvi u tiġi aġġornata maż-żmien. F'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-BĊE għandu l-għan li jirrevedi u jaġġorna l-metodoloġija fuq bażi regolari biex jiġi ggarantit li din tikkonforma mal-prinċipji ewlenin tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju u l-proporzjonalità, kif ukoll biex jiġi żgurat li tkopri suġġetti rilevanti oħra.

## 5.2 TĦEJJIJA TA’ GWIDA PUBBLIKA GĦALL-PRATTIKA SUPERVIŻORJA

Bħalissa qiegħed jitħejja dokument pubbliku bl-isem “Gwida għal-prattika u l-metodoloġija superviżorja fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku” bl-għan ewlieni li jikkjarifika l-karatteristiċi, il-kompiti u l-proċessi rilevanti tal-MSU. Il-gwida għandha tipprovdi lill-entitajiet sorveljati bi trasparenza dwar prinċipji ta’ evalwazzjoni superviżorji biex b’hekk tittaffa l-inċertezza dwar il-funzjonament tal-MSU u l-aspettattivi superviżorji. Fl-istess ħin, se sservi biex tissodisfa rekwiżiti ta’ pubblikazzjoni li għalihom huwa suġġett l-MSU, partikolarment:

- il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-BĊE, li jipprevedi l-pubblikazzjoni mill-BĊE ta’ “gwida għal prattiki superviżorji fil-websajt tiegħu”;
- il-qafas tad-divulgazzjoni superviżorja tal-ABE li skont l-Artikolu 143(1)(c) tas-CRD IV jitlob il-pubblikazzjoni ta’ “kriterji u metodoloġiji ġenerali” użati fl-iSREP.

Il-gwida se tkopri l-oqsma ewlenin li ġejjin:

- il-MSU bħal l-ewwel pilastru ta’ unjoni bankarja Ewropea;
- l-għanijiet ġenerali tal-MSU, kif ukoll l-ambitu ġeografiku, istituzzjonali u funzjonali u l-prinċipji ewlenin tal-funzjonament;
- il-kunċetti ta’ istituzzjonijiet importanti u inqas importanti u l-kriterji rispettivi;
- il-partijiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni li jirregolaw il-funzjonament tal-MSU u l-mod kif jinteraġixxu;
- l-operazzjoni prattika tal-MSU;
- l-istrutturi ewlenin u l-korpi tal-BĊE;
- il-kooperazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti;
- il-metodi għas-superviżjoni ta’ istituzzjonijiet importanti u inqas importanti u d-distribuzzjoni tax-xogħol bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal kull wieħed miż-żewġ metodi;
- l-istruttura organizzattiva fi ħdan il-BĊE;
- il-kooperazzjoni bejn il-MSU u awtoritajiet oħrajn;
- il-kunċett ta’ kooperazzjoni mill-qrib li bih l-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro ikollhom l-opportunità li jingħaqdu mal-MSU;

- l-għanijiet superviżorji ewlenin f'oqsma differenti ta' superviżjoni, u l-għanijiet, il-frekwenzi u l-eżiti mixtieqa tagħhom (u ssir differenza bejn is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet importanti u inqas importanti);

- il-proċeduri għall-faċilitazzjoni u l-assigurazzjoni tal-konsistenza tas-superviżjoni fil-MSU kollu kemm hu;

- ir-regoli proċedurali ewlenin bħall-punti ta' dħul u d-dispożizzjonijiet dwar il-lingwa;

- il-karatteristiċi bażiċi tal-metodoloġija komuni tal-MSU għall-evalwazzjoni tar-riskju u l-kwantifikazzjoni tar-rekwiżiti tal-kapital u tal-likwidità.

L-intenzjoni hija li tiġi ppubblikata gwida ferm qabel ma jibdew l-operazzjonijiet tal-MSU.

# 6 TĦEJJIJA TA' OQSMA TA' ĦIDMA RILEVANTI OĦRA

## 6.1 QAFAS GĦAR-RAPPURTAR TA' DEJTA SUPERVIŻORJA

Il-Manwal tar-Rappurtar Superviżorju tal-MSU, dokument intern li jistabbilixxi l-metodu għar-rappurtar superviżorju u jiddeskrivi l-qafas tad-dejta u r-rappurtar tal-MSU, ġie approvat bħala dokument ħaj mill-Bord Superviżorju f'April. Billi d-disinn tal-qafas tar-rappurtar superviżorju kien ikkundizzjonat l-aktar mid-dejta meħtieġa biex titħaddem sistema għall-evalwazzjoni tar-riskju ċentralizzat (RAS), il-fatturi varjabbli inklużi fil-qafas ta' rappurtar huma kklassifikati skont il-profili tar-riskju differenti tal-banek.

Il-Bord Superviżorju aċċetta li jniedi t-tielet eżerċizzju pilota ta' ġbir ta' dejta (Eżerċizzju Pilota MSU − SPE-3) fil-bidu ta' Marzu biex jitkompla u jiġi rfinut ix-xogħol preparatorju, partikolarment għar-RAS. L-għanijiet ewlenin tal-SPE-3 huma li jkomplu jitjiebu l-metodoloġiji użati fir-RAS. Il-kontenut tal-ġbir tad-dejta ġie kkoordinat mill-qrib mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-ġbir tad-dejta tal-aħħar ta' Diċembru 2013 huwa essenzjali għall-espansjoni li għadha għaddejja tas-serje fi żmien relattivament qasir li qiegħda ssir bħalissa. Huwa importanti li l-eżerċizzju jappoġġa wkoll ix-xogħol tranżitorju minn Timijiet Superviżorji Konġunti ġodda, li għalhekk se jkunu jistgħu jużaw is-serje tad-dejta fix-xogħol preparatorju tagħhom stess. L-eżerċizzju se jgħin lill-banek, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-BĊE fit-tħejjija tal-ġbir ta' dejta regolari fil-futur. Qiegħed isir kull sforz biex ikun hemm koordinazzjoni tat-talbiet għall-ġbir tad-dejta b'mod effiċjenti u jiġu evitati duplikazzjonijiet u sovrapożizzjonijiet ma' eżerċizzji oħra tad-dejta.

Ħidma oħra vitali li għadha għaddejja hija d-disinn ta' qafas ta' dejta għal istituzzjonijiet inqas importanti. L-isfida ewlenija hija li jinstab bilanċ bejn il-ħtieġa ta' sett ta' dejta sinifikanti u l-fatt li l-banek m'għandhomx jitgħabbew iżżejjed, b'mod partikolari dawk żgħar.

Is-sistema tad-dejta tas-Superviżjoni Bankarja (SUBA) meħtieġa għad-dejta superviżorja u l-aċċettazzjoni ta' metadejta fil-BĊE qiegħda fil-fażi implimentattiva tagħha. Is-SUBA se taħżen u tipproċessa dejta, tivvalidaha u tivverifikaha għall-konsistenza, tipproteġi l-kunfidenzjalità tagħha u tqassamha. Se tkun tikkonforma mal-Istandards Tekniċi ta' Implimentazzjoni tal-ABE dwar ir-rappurtar superviżorju (kif ippubblikat mill-ABE f'Lulju 2013) u għandha tilqa' gradwalment dejta superviżorja regolari oħra li ma ġietx armonizzata mill-ABE. Is-sistema se tkun kapaċi tospita wkoll kemm dejta bankarja individwali kif ukoll dejta konsolidata (ta' gruppi bankarji).

L-ewwel fażi għandha titlesta sa Lulju 2014. Se tkun ikkollegata mal-bażi tad-dejta tar-Reġistru tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati (RIAD), li huwa mistenni jkun fih informazzjoni istituzzjonali u dejta tan-negozju ewlenija fuq banek u l-kompożizzjoni tal-gruppi bankarji (i.e. dejta ta' referenza). Ir-RIAD se jappoġġa direttament ukoll kompiti bħall-identifikazzjoni ta' gruppi bankarji importanti li se jkunu suġġetti għas-superviżjoni diretta tal-BĊE.

## 6.2 QAFAS TAD-DRITT SUPERVIŻORJU

Skont ir-Regolament MSU, il-BĊE se jiġbor id-drittijiet annwali mingħand l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti u mingħand fergħat stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti. L-arranġamenti għall-kalkolu tad-drittijiet tal-MSU għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' regolament tal-BĊE li jistabbilixxi regoli u proċeduri li jirregolaw id-drittijiet relatati mal-MSU bil-għan li tinkiseb l-effiċjenza fl-ispejjeż u l-proporzjonalità, skont standards ta' trasparenza.

Fil-perjodu mill-aħħar Rapport Trimestrali tal-MSU, il-BĊE ħejja abbozz ta' regolament dwar id-drittijiet superviżorji li jindirizza l-aspetti ewlenin li ġejjin:

- il-kriterji għad-determinazzjoni tal-ammont totali tad-dritt superviżorju annwali;
- l-arranġamenti għall-kalkolu tad-dritt superviżorju annwali tal-entitajiet sorveljati;
- il-proċedura għall-ġbir tad-dritt superviżorju annwali.

Inbdew id-diskussjonijiet dwar l-abbozz tar-Regolament tal-BĊE mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fuq drittijiet superviżorji. Il-passi li jmiss se jkunu l-finalizzazzjoni tal-proposta għall-metodoloġija tal-BĊE dwar id-drittijiet superviżorji u l-ħruġ ta' abbozz ta' Regolament

tal-BĊE dwar id-drittijiet superviżorji għal konsultazzjoni pubblika miftuħa. L-intenzjoni hija li titnieda konsultazzjoni pubblika sal-aħħar ta' Mejju 2014.

## 6.3 INFRASTRUTTURI TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA (IT)

Il-ħolqien ta' proċessi u operazzjonijiet ġodda ta' ħidma għall-MSU huwa sostnut minn erba' *work streams* għat-teknoloġija tal-informatika (IT):

- ***Servizzi komuni tal-IT:*** twaqqfu *workstations* ġodda fis-sit temporanju tal-istaff tal-MSU, u sa tmiem il-ħarifa tal-2014 se jitwaqqaf total ta' 1,100 *workstation* ġdid. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jaqbdu mal-applikazzjonijet MSU permezz tal-CoreNet, l-infrastruttura attwali tan-netwerk tal-Eurosistema u s-SEBĊ użata mill-banek ċentrali nazzjonali (bl-eċċezzjoni ta' ftit awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fejn jista' jkun hemm bżonn ta' soluzzjoni differenti). L-opzjonijiet għall-iskambju ta' messaġġi ffirmati u kkodifikati mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li mhumiex fis-SEBĊ qegħdin jiġu riveduti.

- ***Kollaborazzjoni, flussi tax-xogħol u ġestjoni tal-informazzjoni:*** Il-proġett IT għall-immaniġġjar ta' dejta ta' kuntatt u l-ipproċessar ta' mistoqsijiet (*e-Contact*) qiegħed jiġi implimentat bħalissa, u l-ewwel funzjonalitajiet huma mistennija jiġu attivati sal-aħħar ta' Mejju 2014. Fl-istess ħin qiegħed ikompli x-xogħol għat-titjib tal-aċċess għas-sistema tal-immaniġġjar tad-dokumenti u r-rekords tal-BĊE (DARWIN) għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li huma separati mill-banek ċentrali nazzjonali rispettivi tagħhom.

- ***Ippjanar dwar ir-riżorsi tal-impriża:*** ir-rekwiżiti tan-negozju inizjali u s-soluzzjonijiet potenzjali għall-baġit tal-MSU, l-istruttura organizzattiva u t-tibdiliet relatati mar-rappurtar ġew identifikati mir-rappreżentati taż-żona tan-negozju u qegħdin jiġu żviluppati. Aġġornamenti oħra huma mistennija fix-xhur li ġejjin. Għal dawk li huma l-kalkoli tal-ispejjeż, il-fatturazzjoni u l-ġbir tal-ħlasijiet u r-rikonċiljazzjoni, il-BĊE identifika l-moduli tas-SAP dwar *Public Sector Collection and Disbursement* u *Tax and Revenue Management* bħala soluzzjoni possibbli. L-iżvilupp tal-ewwel modulu għadu għaddej u qiegħed jibbenefika minn djalogu regolari mar-rappreżentati taż-żona tan-negozju.

- ***Ġbir ta' dejta, ġestjoni tal-kwalità tad-dejta u analitika:*** il-fażi ta' tħejjija tal-proġett tas-sistema tad-dejta SUBA tlestiet. L-għan ewlieni tal-proġett huwa li l-BĊE jkun jista' jirċievi dejta superviżorja speċifika mill-pajjiżi kollha tal-MSU bbażata fuq il-format XBRL skont il-qafas tal-Istandards Tekniċi ta' Implimentazzjoni tal-ABE. Wara t-tħejjija u t-twettiq ta' sejħa għall-għażla tal-fornitur xieraq tal-IT, l-għażla tal-elementi tas-softwer meħtieġa u l-iżvilupp u t-test tekniku tal-prototip SUBA biex jippermetti l-ġbir u l-validazzjoni tad-dejta superviżorja, il-proġett se jidħol fil-fażi ta' implimentazzjoni.

- ***Sistema tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni (IMAS):*** l-IMAS se tipprovdi l-bażi biex jiġu żgurati proċessi armonizzati u konsistenza fis-superviżjoni tal-istituzzjonijiet bankarji. Fil-fażi tal-bidu tal-MSU b'mod speċjali, l-IMAS se tkun element kruċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-metodoloġija u l-istandards komuni mit-Timijiet Superviżorji Konġunti kollha. Se tkun ukoll simbolu viżibbli ħafna għall-membri kollha tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li l-MSU huwa operattiv għal kollox. Barra minn hekk, soluzzjoni faċli għall-użu, effiċjenti u stabbli għandha tkattar l-aċċettazzjoni tal-MSU f'diversi livelli. Ittieħdet id-deċiżjoni li tintuża soluzzjoni eżistenti tal-IT li taħdem tajjeb f'wieħed mill-banek ċentrali nazzjonali bħala n-nukleu għall-IMAS u din se tkompli tiġi żviluppata biex tissodisfa l-bżonnijiet tal-MSU.

# 7 EVALWAZZJONI KOMPRENSIVA

Sar progress importanti fl-evalwazzjoni komprensiva minn mindu ntbagħat ir-Rapport Trimestrali preċedenti. It-tliet għanijiet ewlenin tal-eżerċizzju huma li:

- tiġi stabbilita t-trasparenza billi titjieb il-kwalità tal-informazzjoni disponibbli dwar il-kundizzjonijiet tal-banek;

- jiġu identifikati u implimentati azzjonijiet korrettivi meħtieġa jekk u meta jkun hemm bżonn;

- tissaħħaħ il-fiduċja billi l-parteċipanti kollha jiġu assigurati li l-banek huma fundamentalment sodi u jistgħu jiġu fdati.

L-analiżi tal-kwalità tal-assi (AQR) u t-test tal-istress huma l-pedament metodoloġiku ewlieni tal-evalwazzjoni.

Il-proċess sħiħ beda formalment bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni BĊE/2014/3 tal-4 ta' Frar 2014 li identifikat l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma suġġetti għal evalwazzjoni komprensiva (BĊE/2014/3). Il-Kunsill Governattiv adotta din id-deċiżjoni abbażi ta' proposta tal-Bord Superviżorju.

Bil-għan li tiġi ffinalizzata qabel il-bidu operattiv tas-superviżjoni tal-MSU f'Novembru 2014, intlaħqu diversi stadji importanti u nbdew proċessi ewlenin f'dawn l-aħħar xhur, kif imsemmi iktar 'l isfel.

## 7.1 FINALIZZAZZJONI TAL-GĦAŻLA TAL-PORTAFOLLI GĦALL-ANALIŻI TAL-KWALITÀ TAL-ASSI (AQR)

Ġiet konkluża l-ewwel fażi tal-AQR – l-għażla tal-portafolli għall-eżami reviżorju. L-għażla saret skont metodu bbażat fuq ir-riskju u twettqet f'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-BĊE billi l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ressqu proposti lill-Uffiċċju Ċentrali tal-Ġestjoni tal-Proġett tal-BĊE (CPMO) għall-eżami reviżorju f'laqgħat bilaterali qabel ma ntlaħaq ftehim dwar l-għażla finali. L-assi totali ppeżati bir-riskju (RWA) tal-portafolli tal-kotba bankarji magħżula għall-eżami reviżorju jammontaw għal madwar €3.7 triljun, ekwivalenti għal 58% tal-kreditu totali tal-RWA fil-banek suġġetti għall-evalwazzjoni.

Barra minn hekk, 29 bank bi skoperturi materjali tal-kotba tan-negozju huma suġġetti għal AQR mfassla b'mod speċifiku għall-ktieb tan-negozju. Dan il-komponent jikkonsisti f'analiżi kwalitattiva tal-proċessi tal-kotba tan-negozju ewlenin flimkien ma' analiżi kwantitattiva tal-mudelli tal-prezzijiet tad-derivattivi l-iktar importanti. F'tal-ewwel, jiġu evalwati l-effettività u l-adegwatezza tal-proċessi ewlenin użati mill-banek biex jikkalkulaw u jimmoniterjaw il-prezz ġust għall-pożizzjonijiet tal-kotba tan-negozju kollha. Tal-aħħar tiffoka fuq kemm jifilħu l-mudelli tal-prezzijiet l-iktar materjali użati sal-livell ta' derivattivi tal-valur 3. Ġiet konkluża l-għażla tal-mudelli tal-prezzijiet rilevanti.

## 7.2 MOBILIZZAZZJONI TAL-PROĠETT U KOOPERAZZJONI TRANSKONFINALI

Il-mobilizzazzjoni tal-istrutturi tal-proġett u tar-riżorsi rilevanti fil-livell nazzjonali ġiet iffinalizzata fil-ħin għall-bidu tal-fażi ta' eżekuzzjoni tal-AQR. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti issa kkonkludew l-ingaġġ ta' terzi (konsulenti esterni u ditti tal-verifika) li se jappoġġaw il-proċess. L-eżekuzzjoni fil-livell nazzjonali hija kkoordinata mill-uffiċċji tal-ġestjoni tal-proġett nazzjonali sorveljati mill-kumitati nazzjonali ta' tmexxija. Kif deskritt fir-Rapport Trimestrali ta' qabel, iż-żewġ strutturi nazzjonali jirrapportaw lill-istrutturi ċentrali rilevanti fil-BĊE, jiġifieri s-CPMO tal-BĊE u l-Kumitat tal-Evalwazzjoni Komprensiva (CASC). It-timijiet tal-ispezzjoni, li jikkonsistu minn staff tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awdituri, qegħdin jagħmlu xogħol fuq il-post fil-banek individwali. Twaqqfu t-timijiet li se jaħdmu fil-pajjiżi u li jikkonsistu minn esperti tal-BĊE. Dawn se jipprovdu assistenza teknika u jagħtu l-kontribut tagħhom fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-kwalità fil-livell nazzjonali u ċentrali u diġà bdew jaħdmu fl-Istati Membri individwali.

Ġie ffinalizzat il-qafas għall-kooperazzjoni bejn il-pajjiż ta' oriġini u l-pajjiż ospitanti fit-twettiq tal-evalwazzjoni komprensiva u twaqqfu arranġamenti bilaterali rilevanti bejn l-awtoritajiet superviżorji. Dan huwa essenzjali għall-eżekuzzjoni tal-AQR billi ħafna mill-istituzzjonijiet

koperti bl-evalwazzjoni joperaw internazzjonalment u għandhom portafolli mhux domestiċi li huma suġġetti għall-evalwazzjoni. Barra l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stati Membri differenti tal-MSU, l-arranġamenti jkopru wkoll il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet superviżorji tal-MSU minn ġurisdizzjonijiet li mhumiex fl-MSU, kemm fi ħdan kif ukoll barra l-UE. Saret sensiela ta' werkxops fil-BĊE mal-awtortitajiet rilevanti li mhumiex fil-MSU sabiex jiġu diskussi u miftiehma l-modalitajiet ta' kooperazzjoni, bl-involviment tal-ABE, il-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS).

## 7.3 PUBBLIKAZZJONI TAL MANWAL TAL-FAŻI 2

Fil-11 ta' Marzu 2014 il-manwal li fih il-metodoloġija speċifika għall-fażi ta' eżekuzzjoni tal-AQR (Fażi 2) ġie ppubblikat fil-websajt tal-BĊE. Id-dokument ikopri għaxar partijiet tax-xogħol li tlestew matul il-Fażi 2, inklużi proċeduri għal:

- validazzjoni ta' dejta u verifiki tal-mudelli;
- valutazzjoni tal-iskoperturi materjali u l-kollateral u d-determinazzjoni tal-ħtiġijiet ta' provediment;
- l-użu ta' punti ta' referenza tal-industrija għall-evalwazzjoni tal-valuri tas-suq;
- assigurazzjoni tal-kwalità u l-verifika tal-progress biex jiġi aċċertat li jitlestew fil-ħin.

Il-manwal iservi ta' referenza uniformi għall-partijiet kollha involuti fl-eżerċizzju, u jipprovdi linji gwida speċifiċi dwar it-twettiq tal-istadji kollha rilevanti. Qabel il-pubblikazzjoni, il-manwal kien suġġett għal proċess intensiv ta' reviżjoni teknika u għal irfinar li sar mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ditti tal-verifika rilevanti.

## 7.4 EŻEKUZZJONI TAL-AQR, ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ U KUNFIDENZJALITÀ TAD-DEJTA

It-timijiet tal-ispezzjoni tal-banek bdew ix-xogħol tagħhom fuq il-post fi Frar u lestew l-ewwel parti tax-xogħol (proċessi, politika u analiżi tal-kontabilità) sal-aħħar ta' Marzu. Ix-xogħol fuq il-validazzjoni tal-integrità tad-dejta u l-eżami reviżorju tal-fajl tal-kreditu bħalissa għadu għaddej u l-analiżi tal-provediment kollettiv bdiet f'nofs April. Il-BĊE huwa konsapevoli li r-rekwiżiti li jiġi rrappurtat ammont ta' dejta sinifikanti fi żmien relattivament qasir ifisser sforzi sostanzjali mill-banek. Is-CPMO tal-BĊE pprova jistandardizza l-mudelli tad-dejta rilevanti sabiex inaqqas il-piż ta' rappurtar mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità tal-eżerċizzju. Il-

BĊE diġà kellu diskussjonijiet diretti ma' rappreżentanti għoljin tal-banek li huma suġġetti għall-evalwazzjoni u se jkompli dan id-djalogu matul il-bqija tal-proċess.

L-assigurazzjoni tal-kwalità hija ta' importanza partikolari għas-salvagwardja tal-integrità u l-paragunabbiltà tar-riżultati tal-evalwazzjoni komprensiva u sabiex jiġi żgurat trattament ġust mal-istituzzjonijiet u l-pajjiżi kollha. Għal dan l-iskop, ġie stabbilit il-qafas li ġej li għandu tliet saffi ta' attivitajiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità:

- it-timijiet tal-ispezzjoni tal-banek huma responsabbli għall-validazzjoni tal-kwalità tas-sottomissjonijiet tagħhom lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;

- it-timijiet tal-assistenza teknika u tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u t-timijiet tal-BĊE fil-pajjiżi jagħmlu aktar verifiki u validazzjonijiet fost il-banek fil-ġurisdizzjonijiet rispettivi;

- is-CPMO tal-BĊE jirrevedi l-kwalità tas-sottomissjonijiet nazzjonali liċ-Ċentru, u jagħmel verifiki u analiżijiet fost il-pajjiżi.

Aspett ta' rilevanza ewlenija hu li jiġi żgurat trattament kunfidenzjali matul l-eżerċizzju, kemm għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-istituzzjonijiet involuti kif ukoll għaż-żamma ta' proċess ta' komunikazzjoni ordnat biex jiġi evitat id-divulgazzjoni tal-informazzjoni. Il-partijiet kollha involuti fit-twettiq tal-evalwazzjoni komprensiva ffirmaw ftehim ta' kunfidenzjalità u l-BĊE għamel sforzi konsiderevoli biex jiggarnatixxi t-trażmissjoni u l-ħażna siguri ta' dejta u jiġi prekluż l-aċċess mhux xieraq.

## 7.5 TEST TAL-ISTRESS

Fi stqarrija għall-istampa maħruġa fit-3 ta' Frar 2014, il-BĊE kkonferma l-applikazzjoni tal-parametri ewlenin tat-test tal-istress, kif ikkomunikat pubblikament mill-ABE fil-31 ta' Jannar 2014. Il-limitu tal-kapital f'sitwazzjoni bażika se jkun ta' 8% tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1 (CET1) filwaqt li f'sitwazzjoni negattiva se japplika limitu ta' 5.5% CET1. Bħala wieħed miż-żewġ pedamenti ewlenin tal-evalwazzjoni komprensiva, it-test tal-istress għall-pajjiżi tal-MSU se jinkorpora r-riżultati tal-AQR.

Il-perjodu tat-test tal-stress se jkun ta' tliet snin (Diċembru 2013 sa Diċembru 2016). Is-sitwazzjoni bażika tat-test tal-istress ġiet provduta mill-Kummissjoni Ewropea. Is-sitwazzjoni negattiva ġiet proposta mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-BĊE u l-ABE, bħalma ġara fl-eżerċizzji preċedenti. Id-dettalji tas-sitwazzjonijiet ħarġu fid-29 ta' April 2014.

## 7.6 MIŻURI ELIĠIBBLI BIEX IKOPRU NUQQAS TA' KAPITAL

Fi stqarrija għall-istampa maħruġa fid-29 ta' April 2014, il-BĊE kkjarifika l-miżuri li l-banek se jintalbu jieħdu f'każijiet meta l-proporzjonijiet kapitali, kif iddeterminat wara l-evalwazzjoni komprensiva, ma jilħqux il-limiti rilevanti, partikolarment f'termini ta' ħin u strumenti kapitali eliġibbli.

Fil-każ ta' nuqqas ta' kapital, il-banek rilevanti għandhom jissottomettu pjanijiet dwar il-kapital fejn isemmu fid-dettall l-azzjonijiet biex dan jiġi rrimedjat. Se jkun mistenni li nuqqas ta' kapital jiġi kopert fi żmien sitt xhur fil-każ ta' nuqqas identifikat waqt l-analiżi tal-kwalità tal-assi (AQR) jew is-sitwazzjoni bażika tat-test tal-istress, u fi żmien disa' xhur għal nuqqas identifikat f'sitwazzjoni negattiva tat-test tal-istress. Il-perjodi ta' sitta jew disa' xhur jibdew mill-ħruġ tar-riżultati tal-evalwazzjoni komprensiva f'Ottubru 2014.

Dwar l-istrumenti kapitali li għandhom jintużaw, kull nuqqas ta' kapital li jirriżulta skont l-AQR u s-sitwazzjoni bażika tat-test tal-istress jistgħu jiġu koperti biss bl-istrumenti tal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1) kif iddefinit fl-Artikolu 50 tas-CRR. Nuqqas ta' kapital li jirriżulta minn sitwazzjoni negattiva tat-test tal-istress jista' jiġi kopert mill-istrumenti CET1 u/jew minn strumenti konvertibbli jew ta' tnaqqis tal-valur li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 52 tas-CRR (jiġifieri strumenti tal-Grad 1 Addizzjonali). L-użu ta' strumenti Addizzjonali tal-Grad 1 huwa limitat għal massimu ta' 1% tat-total tal-assi ppeżati bir-riskju (RWA), suġġett għal ċerti speċifikazzjonijiet[16]:

- strumenti b'livell ta' attivazzjoni ta' inqas minn 5.5% CET1: 0% tat-total tal-RWA;
- strumenti b'livell ta' attivazzjoni ta' 5.5% jew aktar u inqas minn 6% CET1: sa 0.25% tat-total tal-RWA;
- strumenti b'livell ta' attivazzjoni ta' 5.5% jew aktar u inqas minn 7% CET1: sa 0.5% tat-total tal-RWA;
- strumenti b'livell ta' attivazzjoni ta' 7% CET1 jew aktar: sa 1% tat-total tal-RWA.

# 8 RESPONSABBILTÀ

Ir-Regolament MSU u l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-BĊE jistabbilixxi proċeduri ċari għall-ħatra tal-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju. Wara proposta mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE, is-Sa Sabine Lautenschläger, membru tal-

[16] Eżempju kif dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jiġu applikati huwa pprovdut fin-nota dwar l-evalwazzjoni komprensiva ppubblikata fid-29 ta' April flimkien mal-istqarrija għall-istampa msemmija iktar 'il fuq.

Bord Ezekuttiv tal-BĊE, inħatret mill-Kunsill tal-UE bħala Viċi President tal-Bord Superviżorju fil-11 ta' Frar 2014, wara li nstemgħet quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew fit-3 ta' Frar 2014 u l-approvazzjoni tal-Parlament fil-5 ta' Frar 2014.

Ir-Regolament MSU jipprovdi għal diversi mezzi ta' responsabbiltà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE. Mezz ewlieni ta' responsabbiltà huwa provdut permezz ta' laqgħat regolari u skambji ta' opinjonijiet *ad hoc* mal-President tal-Bord Superviżorju fil-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) tal-Parlament Ewropew u fl-Eurogrupp.

Il-President tal-Bord Superviżorju, is-Sa Danièle Nouy, ippreżentat l-ewwel Rapport Trimestrali tal-MSU lill-Parlament Ewropew fi skambju speċifiku *ad hoc* ta' fehmiet li sar fl-4 ta' Frar 2014, u fil-laqgħa tal-Kunsill tal-ECOFIN tat-18 ta' Frar 2014. Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji għamel l-ewwel laqgħa regolari tiegħu mas-Sa Noury fit-18 ta' Marzu 2014, fejn irrapportat u skambjat fehmiet dwar il-progress li sar fit-tħejjijiet tal-MSU u l-evalwazzjoni komprensiva. Il-BĊE ppubblika wkoll it-tweġibiet bil-miktub tal-President għall-mistoqsijiet tal-membri parlamentari Ewropej li saru ftit qabel dik is-seduta.

Is-Sa Nouy rrappurtat ukoll dwar it-twaqqif tal-MSU u l-progress tal-evalwazzjoni komprensiva fil-laqgħa tal-Grupp tal-Istabbiltà Finanzjarja tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fil-25 ta' Marzu 2014 u l-laqgħa informali tal-Kunsill ECOFIN fit-2 ta' April 2014. Mill-4 ta' Novembru 2014, ladarba l-BĊE jkun assuma għalkollox il-kompiti superviżorji tiegħu, ir-responsabiltà tal-MSU tkun lejn l-Eurogrupp fil-preżenza tar-rappreżentati tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro li qegħdin jipparteċipaw fl-MSU.

Skont il-Ftehim Interistituzzjonali (Taqsima V) il-Parlament Ewropew irċieva l-abbozz tar-Regolament Qafas fl-4 ta' Frar 2014 qabel il-konsultazzjoni pubblika mnedija fis-7 ta' Frar.

Skont il-Ftehim Interistituzzjonali, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jirċievi l-atti tal-proċedimenti wara kull laqgħa tal-Bord Superviżorju. Billi dawn ir-rekords ġeneralment jiġu ffinalizzati u approvati xahar wara kull laqgħa, il-BĊE ttrażmetta – matul il-perjodu ta' analiżi – l-atti tal-proċedimenti tal-laqgħat tal-Bord Superviżorju li saru bejn Jannar u nofs Marzu 2014. Dawn id-dokumenti ġew ikklassifikati mill-BĊE bħala "BĊE-Kunfidenzjali". F'dan l-isfond, ta' min ifakkar li l-Ftehim Interistituzzjonali (Taqsima I) jispeċifika li l-Parlament Ewropew għandu b'mod partikolari "jimplimenta salvagwardji u miżuri li jikkorrispondu għal-livell ta' sensittività tal-informazzjoni tal-BĊE jew tad-dokumenti tal-BĊE" u "jfittex il-kunsens tal-BĊE għal kwalunkwe żvelar lil persuni jew istituzzjonijiet addizzjonali" minbarra l-membri tal-Kumitat tal-Affarijiet Ekonomiċi li jirċievu dawn l-atti.

# 9 IL-PASSI LI JMISS U L-ISFIDI GĦALL-ĠEJJIENI

Qabel it-tielet Rapport Trimestrali, skedat għall-pubblikazzjoni fil-bidu ta' Awwissu 2014, il-BĊE fiħsiebu jindirizza b'mod partikolari:

- il-finalizzazzjoni tal-proposta għall-metodoloġija tal-BĊE dwar id-drittijiet superviżorji u l-ħruġ ta' abbozz ta' Regolament tal-BĊE dwar id-drittijiet superviżorji għal konsultazzjoni pubblika; qabel ma titnieda l-konsultazzjoni pubblika, l-abbozz tar-Regolament se jiġi trażmess lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew skont il-Ftehim Interistituzzjonali;

- l-għażla tal-ewwel influss ta' staff superviżorju (madwar 280) u l-ħatra tal-koordinaturi tat-Timijiet Superviżorji Konġunti;

- il-preparazzjoni u l-approvazzjoni tar-regoli interni tal-BĊE dwar is-separazzjoni tal-funzjonijiet u l-iskambju tal-informazzjoni.

It-tabella ta' hawn taħt turi dawn il-ġrajjiet importanti, kif ukoll dawk fl-aħħar trimestru tal-fażi tranżitorja sal-4 ta' Novembru 2014, meta l-BĊE jassumi l-poteri superviżorji.

## Ġrajjiet importanti

| **Azzjoni** | **Perjodu ta' żmien** |
|---|---|
| Tnedija ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tar-Regolament Qafas tal-BĊE dwar id-drittijiet superviżorji | tmiem Mejju 2014 |
| Ħatra tal-koordinaturi tat-Timijiet Superviżorji Konġunti | Mejju/Ġunju 2014 |
| Għażla tal-ewwel dħul ta' staff superviżorju (madwar 280) | bidu tas-sajf 2014: |
| Fażi tal-ittestjar għas-sottomissjoni ta' dejta superviżorja | sajf 2014 |
| Regoli interni tal-BĊE dwar is-separazzjoni tal-funzjonijiet u l-iskambju ta' informazzjoni | sajf 2014 |
| *It-Tielet Rapport Trimestrali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-UE u lill-Kummissjoni Ewropea* | *Awwissu 2014* |
| Pubblikazzjoni ta' lista ta' banek importanti | qabel l-4 ta' Settembru 2014 |
| Għażla tat-tieni influss ta' staff superviżorju (madwar 300) | tmiem is-sajf 2014 |
| Deċiżjoni tal-BĊE dwar l-għażla ta' membri tal-Bord Amministrattiv ta' Reviżjoni | (mhux wara) Settembru 2014 |
| Reviżjoni tal-Qafas ta' Etika tal-BĊE (inkluż il-kondotta etika għall-istaff u l-maniġment tal-BĊE involut fis-superviżjoni bankarja) | Settembru 2014 |
| Eżitu tal-evalwazzjoni komprensiva | Ottubru 2014 |
| Regolament tal-BĊE dwar id-drittijiet superviżorji | Ottubru 2014 |
| Pubblikazzjoni tal-gwida tal-BĊE għall-prattiki superviżorji | qabel tmiem Ottubru 2014 |
| *Ir-Raba' Rapport Trimestrali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-UE u lill-Kummissjoni Ewropea* | *Novembru 2014* |
| Bidu tal-attivitajiet superviżorji | 4 ta' Novembru 2014 |